MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 258/2002/1

**Peter Busuttil**

**vs**

**Public Broadcasting Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Frar, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u hamsin lira Maltin (Lm1,150.00) rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lill-attur ghall-iffilmjar, editing u produzzjoni tal-program 'Laring, Habsin u Bnedmin Ohra' kif ukoll ghall-

izvilupp tal-kuncett tal-istess programm, liema programm intwera fuq l-istazzjon tat-televizjoni nazzjonali u sar fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Settembru 2001 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta fejn hija eccepiet li l-ammont kif dedott fit-talba attrici m'huwiex dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda tal-attur u ta' Eric Vella Bonnici.

Ra r-risposta ulterjuri tas-socjeta` konvenuta fejn hija eccepiet li t-talba tal-attur hija preskritta skond l-Artikolu 2149 (c) tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap. 16 peress li l-kreditu minnu pretiz jaqa' taht "other persons exercising another professional or liberal art, for their fees and disbursements". Il-kaz jirrisali ghall-1998 u l-ewwel darba li saret talba ghall-hlas kien fl-2001.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta` konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-preskrizzjoni hija ta' sentejn u tolqot l-azzjonijiet ta' avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginiera civili u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali

ohra u tolqot l-azzjoni ta’ dawn il-professjonisti ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjes li jkunu ghamlu.

Illi l-azzjoni attrici, kif jirrizulta mill-Avviz tat-Talba, u mix-xhieda tal-attur, tirrigwarda prezz ta’ servizzji rezi mill-attur lis-socjeta` konvenuta f’Dicembru 1997 u Jannar 1998 konsistenti f’xoghol ta’ produzzjoni, filming u editing ta’ programm televisiv bl-isem ta’ ‘Laring, Habsin u Bnedmin Ohra’.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li dawn is-servigi li l-attur irrenda lis-socjeta` konvenuta ma jistghux jigu kkunsidrati li jekwivalu ghal xoghol professjonali jew ezercizzju ta’ arti liberali fis-sens tal-Artikolu 2149(c) kif johrog mill-elenku ta’ professjonijiet li nsibu f’din id-disposizzjoni tal-ligi. F’dan ir-rigward issir refrenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tas-7 ta’ Ottubru 1997 fil-kawza fl-ismijiet ‘John R. Portelli noe vs C. Fino & Sons Limited’ fejn il-Qorti rriteniet li servigi konsistenti f’produzzjoni ta’ hames ‘films’ televisivi qosra ma kienux jinkwadraw ruhhom f’din id-disposizzjoni tal-ligi. F’din is-sentenza l-Qorti enfasizzat li “f’materja ta’ preskrizzjoni d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolawha ma ghandhomx jigu nterpretati estensivament minn kaz ghall-iehor”. L-istess intqal mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili f’sentenza ta’ 1 ta’ Lulju 1997 fil-kawza fl-ismijiet ‘Albert Camilleri et vs Avukat Richard Galea Debono et’ fejn gie ribadit il-principju li l-istitut tal-preskrizzjoni ghandu jigi nterpretat bl-aktar mod restrittiv.

Illi ghalhekk il-preskrizzjoni abbazi tal-Artikolu 249(c) m’hijiex applikabbli ghal kaz odjern u konsegwentement l-eccezzjoni ulterjuri ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta qed tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jcihad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta u jordna l-prosegwiment tal-kawza ghas-smiegh tal-provi dwar il-mertu.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-senenza bl-aggravju illi t-Tribunal kien skorrett meta rritjena li l-

preskrizzjoni eccepita – Art 2149(c) tal-Kodici Civili – ma kienetx applikabbli ghal kaz in ezami.

Minn naha tieghu l-attur wiegeb billi fuq l-istregwa tad-decizjoni fl-ismijiet “**John R. Portelli noe –vs- C. Fino & Sons Ltd**”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997, insista li l-preskrizzjoni ‘de qua’ ma kienetx ammissibbli ghall-fatti tal-kaz. Mhux hekk biss pero`. Huwa ssottometta wkoll illi l-istess preskrizzjoni kienet inkompatibbli mal-linja ta’ difiza li llimitat ruhha biex tikkontesta l-ammont dovut. Skond l-istess attur appellat tali difiza tal-kontestazzjoni limitattiva tal-kwantum kienet tammonta ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni in kwantu kien ifisser illi s-socjeta` konvenuta kienet qed tirrikonoxxi d-debitu. Dippju, jissottometti wkoll illi t-trattattivi bejn il-partijiet jiddemostraw rikonjizzjoni tad-debitu da parte tas-socjeta` appellanti.

Tajjeb li qabel kollox jigi osservat illi fis-sentenza appellata t-Tribunal ma okkupax ruhu mill-aspetti ventilati mill-attur appellat fir-risposta tieghu riferibilment ghall-kwestjoni tal-allegat rikonoxximent tad-debitu u tar-rinunzja tal-preskrizzjoni. Dan maghdud ghal finijiet tal-korrettezza procedurali, ma jfisserx, imbaghad illi din il-Qorti ma ghandhiex hi wkoll tindaga dwarhom. Biex taghmel hekk pero` trid fl-ewwel lok issib illi l-preskrizzjoni eccepita kienet effettivament dik applikabbli ghal kaz. Hu biss meta ssib dan illi mbaghad ikollha d-dmir li tinvesti l-pregudizzjalijiet l-ohra, jigifieri dawk li jolqtu l-aspett interruttiv tal-preskrizzjoni ghal xi wahda mir-ragunijiet invokati mill-attur appellat, jigifieri r-rikonjizzjoni tad-debitu u r-rinunzja.

Premessi s-suesposti osservazzjonijiet, il-kaz in diskussjoni jikkonsisti f’dan. Kontra l-azzjoni tal-attur appellat ghall-hlas minnu pretiz, is-socjeta` konvenuta appellanti opponiet il-preskrizzjoni ta’ sentejn kontemplata fl-Artikolu 2149(c) tal-Kap 16.

Kif redatta, din il-preskrizzjoni tirrigwarda “l-azzjonijiet ta’ avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u nginiera civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali

ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu”.

Bl-introduzzjoni tal-kliem generici “persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra” huwa logiku illi fost dawn jirrientraw dawk il-professjonijiet intellettwali li fis-sentenza fuq citata tal-Qorti tal-Appell gie argomentat li jikkomprendu, b’ezemplari, l-gurnalist, graphic designer, fotografu, film producer, advertiser, interiordecorator u bosta ohrajn.  Ara a propozitu fil-kaz ta’ awditur is-sentenza fl-ismijiet “**Stuart G. Craig et noe –vs- George Mifsud noe**”, Appell, 27 ta’ Marzu 1998.

Issa l-posizzjoni assunta mill-attur appellat, hi dik li hu jrid li jitwemmen illi l-qaghda tieghu fil-kaz partikolari mhiex differenti minn dik riflessa fis-sentenza “**Portelli –vs- Fino**” fuq imsemmija fir-rigward tas-socjeta` attrici f’dik il-kawza.  Huwa fil-fatt jinsisti, anke issa fir-risposta ta’ l-appell tieghu, illi hu rrenda servizzi purament kummercjali u li allura x-xoghol tieghu ma kienx wiehed li jidhol fl-ezercizzju ta’ arti liberali jew professjoni.  Biex tigi konfermata l-korrettezza o meno ta’ din l-affermazzjoni jokkorri li jigu analizzati l-fatti specjali ta’ dan il-kaz, li fih tista’ tghid xehed unikament l-attur appellat.

Fuq il-fatti kif allegati mill-istess attur jirrizulta illi l-appellat huwa attur u direttur kwalifikat b’certifikat professjonali ottenut wara li temm kors ta’ studji fl-Italja (fol 30).  Huwa jghid li fir-rigward tal-programm specifikat fl-avviz tieghu gie inkarigat verbalment mis-socjeta` konvenuta (fol 21).  Dwar hlas ma gie miftiehem l-ebda ammont specifiku izda biss li kien intiz li kellu jithallas.  Jissokta jtenni illi l-ammont minnu domandat gie kalkolat ghab-bazi tan-numru ta’ sieghat li mpjega fil-produzzjoni tal-programm (Ara dokument spjegattiv esebit a fol 32), ossija l-prodott konsistenti f’zewg tapes u x-xoghol konness mal-produzzjoni taghhom (fol 64).  Il-programm ixxandar f’zewg partijiet fil-5 u s-6 ta’ Jannar 1998 (fol 21), izda l-fattura harigha fit-28 ta’Jannar 2001 (fol 3).

Stabbiliti dawn il-fatti din il-Qorti tosserva li hemm differenzi markati bejn il-kaz prezenti u dak tad-decizjoni

tal-Qorti tal-Appell li fuqha t-Tribunal sejjes maggorment id-decizjoni appellata. Uhud minnhom jistghu jigu hekk identifikati:-

1. Primarjament l-attur ma jistghax jitqies li hu xi service industry. La hu socjeta` kummercjali, element dan li fuqu kkampat bosta l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza l-ohra deciza, u lanqas jimpjega nies. In effetti jirrizulta illi fil-kaz ta' dan il-programm l-attur nghata assistenza teknika mis-socjeta` konvenuta stess (fol 36) u dawn presumibilment thallsu minnha (fol 37).

2. Bl-invers ta' dak ritenut fil-kawza l-ohra, l-attur stess f'dan il-kaz jikkwalifika lilu nnifsu bhala persuna artistikament professjonali. Li jfisser fil-fehma ta' din il-Qorti illi hu jippresta l-hila professjonali tieghu biex jikkreja l-"opus" mixtieq u ghalhekk ix-xoghol tieghu ma jistghax hlief jidhol fl-ezercizzju ta' arti liberali.

Hu desumibbli minn dawn ir-riflessjonijiet illi ghall-kreditu tal-attur appellat ghal dak ix-xoghol hi applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fic-citat artikolu 2149 (c). Preskrizzjoni din li tolqot proprju l-azzjoni ghall-hlas tad-drittijiet u spejjes li ezercenti ta' arti liberali jkollu kontra l-klijent li jkun isserva bl-opra tieghu.

Raggunta din il-konkluzjoni jrid issa jigi ndagat jekk is-sottomissjonijiet l-ohra tal-attur appellat humiex tali li jinnewtralizzaw il-preskrizzjoni nvokata mis-socjeta` appellanti.

Huwa pacifiku qabel xejn illi l-oggett tal-preskrizzjoni huma d-drittijiet soggettivi sostanzjali. Dan huwa hekk logiku minn dak dispost fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 2107 liema artikolu jfisser il-preskrizzjoni bhala mezz liberatorju biex wiehed jehles minn azzjoni fejn il-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi. Zmien li bhala regola generali u b'disposizzjoni ohra espressa l-ligi tqisu li jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss (Art 2137). L-impossibilita` li wiehed jagixxi trid tkun

impossibilita` ndipendenti mill-volonta` tieghu dovuta ghal kawza estranea li ma setax jirrimuovi (**Vol XLIX pI p500**). Sitwazzjoni din li ma tokkorriex fil-kaz in disamina billi l-asserzjoni ripetuta mill-attur ta' "klima amikevoli" li hu ma riedx jiddisturba, ma tistax tikkwalifika bhala xi impediment indipendenti mill-volonta` tieghu.

Dan precizat, kif fuq gja espress, l-attur appellat jiddefendi ruhu kontra l-preskrizzjoni eccepita billi jsostni illi f'kull kaz l-preskrizzjoni lanqas tista' tigi akkolta in kwantu din hi nkompatibbli mas-sistema ta' difiza tas-socjeta` konvenuta. Huwa jiddezumi dan mill-fatt illi s-socjeta` appellanti kienet fl-ewwel lok eccepiet il-kontestazzjoni tal-ammont izda mhux ukoll li ma kienetx debitrici. Jiccita f'dan ir-rigward id-decizjonijiet a **Vol XXVI pI p441**, **Vol XXXII pI p639**, u dik l-ohra fl-ismijiet "**Anthony Guillaumier –vs- Joseph Cassar Aveta noe**", Appell, 9 ta' Dicembru 1998. Ma' dawn jistghu jizdiedu d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Antonia Attard Gialanze –vs- Emmanuel Rizzo et**", Sede Inferjuri, 29 ta' Jannar 1998 u dik fl-ismijiet "**Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998.

Din il-Qorti ma tistax ma taqbelx mal-indirizz segwit fil-precitati decizjonijiet u, anzi hi wkoll tammetti bhala proposizzjoni guridika korretta t-teorija propunjata minn awturi bhal **Aubry et Rau** (Vol VIII para 776) u t-**Troplong** ("Prescrizione" No 67) illi "quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione".

Kif manifest minn dawn is-sentenzi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqala' l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn, bhal fil-kaz de quo, l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu (bhal fil-kaz a **Vol XXVIII pI p297** u **Vol XXXIX pI p54**) jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-

kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta. Ara a propositu Kollez **Vol XXXIV pI p326** u "**Raymond Vella –vs- Moby Rentals Ltd**", App, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 2001.

Minn dan kollu kommentat u fuq l-iskorta tal-gurisprudenza prevalenti; li tidher ukoll li hi wahda kostanti, jista' ragjonevolment jinghad illi bil-mod kif wiegbet is-socjeta` appellanti fl-eccezzjoni primarja taghha hi giet li kienet qed taghraf li ghandha taghti, ghalkemm mhux l-ammont kif mitlub u pretiz mill-attur. B'hekk b'dan il-mod jista' jigi konkluz illi l-preskrizzjoni kienet qed tigi interrotta jew rinunzjata. Ara wkoll b'zieda ma' dawn fuq citati d-decizjonijiet a **Vol XLII pI p153**; **Vol XLIII pII p744** u **Vol XLV pII p632**, fost bosta ohrajn.

In vista ta' dan, din il-Qorti filwaqt li kif senjalat minnha ma sabetx li tista' toqghod b'affidament fuq il-konkluzjoni tat-Tribunal illi l-preskrizzjoni eccepita ma kienetx applikabbli ghal kaz, b'danakollu qed tammetti dak sostenut mill-attur appellat illi l-istess preskrizzjoni tinsab mwaqqa' ghal motiv tar-rikonoxximent tad-debitu u allura tar-rinunzja ghall-preskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi, anke jekk issa ghar-ragunijiet diversi minn dawk tat-Tribunal, il-preskrizzjoni eccepita, anke jekk valida ghal dik li hi applikabilita` taghha ghal kaz, qed tigi, ghas-sosteniment taghha, respinta in bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq esposti.

Konsegwentement il-Qorti qed tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal biex dan jidderimi l-meritu u jaghti decizjoni dwaru.

L-ispejjez gudizzjarji ta' din il-procedura jibqghu fic-cirkostanzi tal-kaz bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------